Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2026/2005(INI)

25.06.2026

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar it-tiswir tal-azzjoni esterna tal-UE biex tindirizza l-isfidi rigward id-drittijiet tal-bniedem li ġġib magħha l-intelliġenza artifiċjali
(2026/2005(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Nacho Sánchez Amor

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar it-tiswir tal-azzjoni esterna tal-UE biex tindirizza l-isfidi rigward id-drittijiet tal-bniedem li ġġib magħha l-intelliġenza artifiċjali

(2026/2005(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 8, 21, 23 u 36 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 17 u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2027, adottat mill-Kunsill fis-17 ta' Novembru 2020, u r-rieżami ta' nofs it-terminu tiegħu, adottat fid-9 ta' Ġunju 2023,

– wara li kkunsidra l-linji gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali)[1],

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali tat-23 ta' Jannar 2023[2],

– wara li kkunsidra l-Istrateġija Diġitali Internazzjonali għall-Unjoni Ewropea (JOIN (2025) 0140),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u t-trattati u l-istrumenti rilevanti oħra tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tas-16 ta' Diċembru 1966 u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali tas-16 ta' Diċembru 1966,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta'

[1] ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj.
[2] ĠU C 23, 23.1.2023, p. 1.

Diskriminazzjoni kontra n-Nisa tat-18 ta’ Diċembru 1979,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabbiltà tat-12 ta’ Diċembru 2006 u l-Protokoll Fakultattiv tagħha, adottat fit-13 ta’ Diċembru 2006,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-13 ta’ Settembru 2007,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta’ Kull Forma ta’ Intolleranza u Diskriminazzjoni bbażati fuq ir-Reliġjon jew it-Twemmin tal-25 ta’ Novembru 1981,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni li jagħmlu parti minn Minoranzi Nazzjonali jew Etniċi, Reliġjużi u Lingwistiċi tat-18 ta’ Diċembru 1992,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta’ Novembru 1989, u t-tliet Protokolli Fakultattivi tagħha,

– wara li kkunsidra l-Patt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti,

– wara li kkunsidra l-Patt għall-Futur u l-Patt Diġitali Globali, adottati fis-Summit tal-Futur f’Settembru 2024,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 78/265 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-1 ta’ April 2024 dwar l-isfruttar tal-opportunitajiet ta’ sistemi ta’ intelliġenza artifiċjali sikuri, siguri u affidabbli għall-iżvilupp sostenibbli,

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 79/325 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tas-26 ta’ Awwissu 2025 dwar it-termini ta’ referenza u l-modalitajiet għall-istabbiliment u l-funzjonament tal-Panel Xjentifiku Internazzjonali Indipendenti dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Djalogu Globali dwar il-Governanza tal-Intelliġenza Artifiċjali,

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-UNESCO dwar l-Etika tal-Intelliġenza Artifiċjali, adottata fit-23 ta’ Novembru 2021,

– wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Korp Konsultattiv ta’ Livell Għoli tan-NU dwar l-Intelliġenza Artifiċjali ta’ Settembru 2024 dwar il-governanza tal-IA għall-Umanità,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi tat-22 ta’ Mejju 2019 dwar l-intelliġenza artifiċjali,

– wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida Internazzjonali tal-Proċess ta’ Hiroshima għall-Organizzazzjonijiet li Jiżviluppaw Sistemi Avvanzati tal-IA u l-Kodiċi ta’ Kondotta Internazzjonali tal-Proċess ta’ Hiroshima għall-Organizzazzjonijiet li Jiżviluppaw Sistemi Avvanzati tal-IA, kif ukoll id-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja tal-G7 dwar l-IA għall-Prosperità tas-17 ta’ Ġunju 2025,

– wara li kkunsidra l-Prinċipji u l-Linji Gwida dwar l-IA tal-G20,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta’ Bletchley, adottata mill-pajjiżi li attendew is-

Summit dwar is-Sikurezza tal-IA tal-1 u t-2 ta’ Novembru 2023,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Ministerjali adottata fl-4 ta’ Diċembru 2024 fis-Summit tas-Sħubija Globali dwar l-Intelliġenza Artifiċjali,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A10-0000/2026),

A. billi l-IA hija fenomenu globali li qed jiġi adottat malajr fis-soċjetajiet kollha; billi dan jiftaħ opportunitajiet bla preċedent għall-prosperità, l-innovazzjoni u l-progress, inkluż il-potenzjal li jiġu avvanzati l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt f’oqsma varjati;

B. billi s-sistemi tal-IA jeħtieġ li jikkonformaw fundamentalment mad-drittijiet tal-bniedem; billi jekk jitfasslu b’mod intrinsikament malizzjuż, meta jintużaw ħażin għal skopijiet repressivi, jew meta jintużaw mingħajr salvagwardji adegwati, is-sistemi tal-IA jistgħu jippermettu jew jiffaċilitaw il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u jistgħu jikkompromettu d-dinjità tal-bniedem, id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt;

C. billi r-riskji u l-isfidi għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali li jirriżultaw mis-sistemi tal-IA jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, riskji għad-dinjità tal-bniedem, il-privatezza tad-data, id-drittijiet tat-tfal, id-dritt għax-xogħol, id-drittijiet tal-migranti, id-drittijiet ambjentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt u riskji ta’ diskriminazzjoni algoritmika, sorveljanza tal-massa u trażżin tad-dissens, vjolenza abbażi tal-ġeneru, żieda fir-repressjoni transnazzjonali, u ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-implimentazzjoni ta’ sistemi tal-IA f’sistemi ta’ armi awtomatizzati fil-kunflitti u f’tagħmir b’użu doppju;

D. billi l-IA tippreżenta wkoll opportunitajiet sinifikanti għall-avvanz tad-drittijiet tal-bniedem globalment, inkluż il-monitoraġġ tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-ġustizzja u għall-informazzjoni fl-oqsma tas-saħħa u tal-edukazzjoni, l-identifikazzjoni tad-diżinformazzjoni u tad-diskors ta’ mibegħda, titjib fl-għoti ta’ assistenza umanitarja u ta’ emerġenza, tisħiħ tat-trasparenza fil-governanza u l-parteċipazzjoni demokratika, kontribut għall-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-NU u moderazzjoni tal-impatt negattiv tat-tibdil fil-klima;

E. billi l-avvanz rapidu tat-teknoloġiji tal-IA qed isawwar l-ordni globali mill-ġdid, profondament; billi l-UE jeħtiġilha tiżgura li l-azzjoni esterna tagħha fl-IA hija ggwidata minn viżjoni strateġika koerenti, ankrata fil-valuri ewlenin tagħha tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet fundamentali;

F. billi l-UE qed tippromwovi mudell alternattiv u affidabbli għad-disinn, l-iżvilupp u l-governanza tal-IA li jgħaqqad il-ftuħ, it-trasparenza u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali mar-reżiljenza u l-innovazzjoni, jipproteġi liċ-ċittadini tagħha u joffri kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji;

G. billi t-tisħiħ tas-sħubijiet tal-IA ma’ pajjiżi mhux tal-UE, b’mod partikolari l-pajjiżi kandidati, il-pajjiżi fil-viċinat tal-UE u l-pajjiżi fin-Nofsinhar Globali, għandu jkun prijorità għall-azzjoni esterna tal-UE;

Kunsiderazzjonijiet ġenerali

1. Jisħaq li d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, iridu jibqgħu fiċ-ċentru tal-IA; jisħaq li l-obbligi legali tad-drittijiet tal-bniedem japplikaw fiċ-ċirkostanzi kollha, u li s-sistemi tal-IA jeħtieġ li joffru trasparenza u sorveljanza bħala bażi għall-obbligu ta' rendikont u r-responsabbiltà, filwaqt li jiżguraw li r-rimedji huma aċċessibbli u faċilment disponibbli f'kull fażi taċ-ċiklu tal-ħajja tal-IA;

2. Jissottolinja li l-Istati għandhom dmir skont id-dritt internazzjonali li jżommu lura minn kwalunkwe ndħil mhux ġustifikat fid-drittijiet tal-bniedem u jindirizzawh, u li jiżguraw it-twettiq u l-ħarsien effettivi tagħhom; jenfasizza li dan id-dmir huwa partikolarment importanti fil-kuntest tal-governanza tas-sistemi tal-IA;

Ir-riskji tal-IA fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem

3. Jenfasizza li d-data hija komponent kruċjali tat-teknoloġiji tal-IA u li s-salvagwardja tal-privatezza tad-data hija essenzjali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-qasam diġitali;

4. Jissottolinja r-riskju li l-IA taggrava l-inugwaljanzi soċjali eżistenti, b'mod partikolari għall-gruppi diġà emarġinati, peress li s-sistemi jistgħu jinbnew fuq l-algoritmi u/jew data li jirriproduċu, jipperpetwaw u jaggravaw preġudizzji diskriminatorji;

5. Jinsab imħasseb ħafna li l-IA ppermettiet li s-sorveljanza ssir aktar sofistikata u mifruxa, b'mod li jagħmel possibbli l-monitoraġġ ta' gruppi u soċjetajiet sħaħ u joħloq theddida serja għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem;

6. Iwissi li s-sorveljanza assistita mill-IA, anke meta inizjalment tintuża għal skopijiet leġittimi bħall-infurzar tal-liġi u s-sigurtà, tista' faċilment tintuża biex trażżan id-dissens u kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

7. Jikkundanna bil-qawwa l-użu tal-IA biex tiġi pperpetwata l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u jiġu kompromessi d-drittijiet tal-ġeneru, kif ġara fil-każ Grok, li wera kif l-għodod li jaħdmu bl-IA jistgħu jintużaw biex joħolqu u jxerrdu kontenut sesswalizzat mhux kunsenswali, inklużi deepfakes u forom oħra ta' manipulazzjoni tal-immaġni u tal-vidjo;

8. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-ħsara potenzjali li l-IA tista' tikkawża lit-tfal u lill-adolexxenti;

9. Jirrikonoxxi l-impatt tas-sistemi tal-IA fuq it-tfassil mill-ġdid tax-xogħol, tas-swieq tax-xogħol u tal-produttività fuq livell dinji; jenfasizza li l-effetti tas-sistemi tal-IA se jkunu profondi u dejjiema; iwissi li l-implimentazzjoni tas-sistemi tal-IA ma tistax tintuża biex jiġi ġġustifikat id-dgħajfien tad-drittijiet, tad-dinjità u tal-benesseri tal-ħaddiema, l-ispostament tal-ħaddiema jew iż-żieda fid-diskrepanzi fil-ħiliet jew it-telfien tal-ħiliet;

10. Jinnota dipendenza dejjem akbar fuq teknoloġiji li jaħdmu bl-IA għall-monitoraġġ tal-fruntieri u tar-rotot migratorji, inkluż tul il-fruntieri esterni tal-UE;

11. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-implikazzjonijiet ambjentali u soċjali severi tas-sistemi tal-IA;

12. Jinsab imħasseb ħafna dwar ir-riskji dejjem akbar li l-IA tintuża għar-repressjoni transnazzjonali;

13. Jisħaq fuq ir-rwol kruċjali tan-negozji fl-iżgurar li l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-IA u l-użu tad-data jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem;

14. Jinsisti li l-istati għandhom id-dmir li jippromwovu u jipproteġu b'mod effettiv id-drittijiet tal-bniedem kontra abbużi minn partijiet terzi, inklużi n-negozji;

15. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jmexxu l-isforzi fil-fora internazzjonali rilevanti u fost is-sħab internazzjonali biex jiżviluppaw gwida speċifika għall-IA dwar ir-responsabbiltà korporattiva għad-drittijiet tal-bniedem;

16. Jesprimi tħassib dwar l-evidenza dejjem tikber li s-sistemi tal-IA qed jintużaw fil-kunflitti;

17. Jissottolinja l-importanza li jiġu applikati standards għoljin tad-drittijiet tal-bniedem għal oġġetti u teknoloġiji b'użu doppju mħaddma mill-IA;

Riskji tal-IA għad-demokrazija u l-istat tad-dritt

18. Jinnota li s-sistemi tal-IA għandhom impatt dirett fuq il-proċessi elettorali u demokratiċi;

19. Jenfasizza li l-implimentazzjoni tas-sistemi tal-IA fil-proċessi elettorali jrid jikkonforma mal-oqfol standards ta' trasparenza, spjegabbiltà, obbligu ta' rendikont u evalwazzjoni indipendenti;

20. Jinnota bi tħassib li l-użu tal-IA b'modi malizzjużi jżid il-kapaċitajiet tal-attivitajiet ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin, inkluż il-potenzjal li jiġu kompromessi l-integrità, l-indipendenza u l-effettività tal-istituzzjonijiet u l-proċessi, kif ukoll il-potenzjal li tintlaqat il-kwalità tal-informazzjoni;

21. Jenfasizza li l-libertà tal-istampa hija element fundamentali tad-demokrazija; jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-konċentrazzjoni tal-poter f'idejn il-fornituri tal-IA tippreżenta riskji għad-diversità, il-pluraliżmu, l-inklużività, l-affidabbiltà u l-obbligu ta' rendikont tal-media;

Obbligu ta' rendikont għall-IA

22. Jinnota li l-obbligu ta' rendikont għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem relatat mal-IA jirriżulta fil-punt fil-katina fejn is-sistema tiġi sfruttata jew użata biex jitwettaq il-ksur, sakemm is-sistema ma tkunx ġiet iddisinjata b'mod malizzjuż mill-bidu nett; jenfasizza li dan l-approċċ ma jeħlisx lill-iżviluppaturi mir-responsabbiltà tagħhom;

23. Jitlob li s-sistemi tal-IA jkunu konformi mad-dritt tal-vittmi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem għal rimedju effettiv;

Rakkomandazzjonijiet dwar l-istrateġija tal-UE għall-azzjoni esterna fil-qasam tal-IA

24. Jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tkun attur ewlieni fil-promozzjoni ta' IA affidabbli globalment, fit-tiswir tax-xenarju globali tal-IA u fil-promozzjoni ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-IA; jappella għall-iżvilupp immedjat ta' strateġija olistika tal-UE għall-azzjoni esterna fil-qasam tal-IA biex jintlaħaq dan l-għan;

25. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem biex tistabbilixxi standards minimi globali ta' protezzjoni kontra riskji serji assoċjati mal-IA;

26. Iqis li l-IA toffri opportunità ġenwina biex jiġu indirizzati, flimkien ma' pajjiżi mhux tal-UE, sfidi partikolari għad-drittijiet tal-bniedem, bħad-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tal-ħaddiema u d-drittijiet ambjentali;

27. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' governanza parteċipattiva biex isawru r-reazzjonijiet ta' politika u l-oqfsa ta' governanza tal-IA fil-livell internazzjonali;

28. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Uffiċċju għall-IA tal-UE u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jissaħħu permezz ta' riżorsi finanzjarji u umani adegwati;

29. Jappella għall-użu sħiħ tal-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tal-UE biex jiġi indirizzat l-impatt tal-IA fuq id-drittijiet tal-bniedem, inkluż billi jissaħħaħ ir-rwol tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem;

30. Jenfasizza l-ħtieġa ta' aktar diskussjoni dwar l-aħjar modi biex jiġi introdott is-suġġett tal-IA fir-regolamenti eżistenti tal-UE biex jiġi żgurat li l-politiki u r-regoli interni tal-UE dwar l-IA jsaħħu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem barra mill-UE;

31. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jintegraw dimensjoni tal-IA fil-promozzjoni tad-demokrazija u fl-osservazzjoni elettorali tal-UE;

32. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li tiġi żviluppata ekosistema tal-IA tal-UE b'saħħitha u reżiljenti li tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi u ssaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-UE;

33. Ifakkar fl-impenn tal-UE għal ordni multilaterali bbażat fuq ir-regoli; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jikkoordinaw il-pożizzjonijiet tagħhom f'fora multilaterali u jibnu sħubijiet ma' sħab tal-istess fehma biex jippromwovu u javvanzaw viżjoni kondiviża għal IA affidabbli;

34. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw u jsaħħu s-sistema tan-NU fl-isforzi tagħha biex tippromwovi IA affidabbli;

35. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu jikkollaboraw mal-Kunsill tal-Ewropa fl-iżvilupp ta' standards internazzjonali għal IA affidabbli;

36. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-UE tappoġġja ż-żieda fid-disponibbiltà ta' sistemi tal-IA b'sors miftuħ u standards tekniċi interoperabbli, b'mod partikolari mal-pajjiżi kandidati, mal-pajjiżi fil-viċinat tal-UE u mal-pajjiżi fin-Nofsinhar Globali;

37. Jistieden lill-UE tagħmel l-assistenza finanzjarja tagħha għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-IA f'pajjiżi mhux tal-UE, inkluż fl-ambitu tal-istrument Ewropa

Globali li jmiss u fl-ambitu tal-Global Gateway, kundizzjonali fuq l-iżvilupp u l-użu ta' IA affidabbli u li tirrispetta d-drittijiet; jisħaq li l-UE għandha tiffinanzja biss mudelli tal-IA li jirrispettaw l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem;

38. Jisħaq fuq l-importanza tas-sistemi tal-IA użati fi ħdan il-kumpaniji, peress li dawn jistgħu jappoġġjaw lill-kumpaniji biex jikkonformaw mal-liġijiet ewlenin tal-UE, bħad-Direttiva dwar id-Diliġenza Dovuta Korporattiva dwar is-Sostenibbiltà[3] u d-Direttiva dwar ir-Rappurtar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà[4], kif ukoll il-liġijiet kontra x-xogħol furzat, sabiex jiġi żgurat li l-ktajjen tal-provvista tal-IA huma responsabbli, sostenibbli u jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent;

39. Jisħaq li ekosistema tal-IA affidabbli hija mutur ewlieni tal-kompetittività; jenfasizza li l-investiment f'sistemi tal-IA li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali tal-bniedem huwa essenzjali biex tinbena l-fiduċja mal-konsumaturi u mas-sħab internazzjonali, titrawwem l-innovazzjoni fit-tul, u jinħoloq vantaġġ kompetittiv sostenibbli fis-suq globali;

40. Jenfasizza li l-appoġġ għal-litteriżmu fl-IA huwa tal-akbar importanza;

Rakkomandazzjonijiet rigward l-armi

41. Jappoġġja l-isforzi tan-NU għal ftehim legalment vinkolanti biex jirregola u jipprojbixxi globalment is-sistemi ta' armi awtonomi letali; jappella li l-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġjaw dawn l-objettivi;

42. Jikkundanna l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'kunflitti armati potenzjalment imwettaq permezz ta' sistemi awtonomi tal-IA; jistieden lill-UE żżid l-appoġġ tagħha lill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja u lill-Qorti Kriminali Internazzjonali fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq bl-użu tal-IA;

Rakkomandazzjonijiet rigward is-sorveljanza tal-massa assistita mill-IA

43. Jappella għal projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' sistemi ta' sorveljanza tal-massa assistiti mill-IA mill-UE lejn pajjiżi fejn hemm riskju serju li dawn is-sistemi jintużaw biex jiksru d-drittijiet tal-bniedem;

Rakkomandazzjonijiet rigward oġġetti b'użu doppju

44. Jappella għall-integrazzjoni tal-prinċipji tal-Att dwar l-IA fir-Regolament dwar l-Użu Doppju[5], li għandu jwassal għall-projbizzjoni tal-esportazzjonijiet ta' sistemi tal-IA pprojbiti mill-Att dwar l-IA u jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li s-sistemi kollha tal-

[3] Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta korporattiva dwar is-sostenibbiltà u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859, (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj).

[4] Id-Direttiva (UE) 2022/2464 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li temenda r-Regolament (UE) Nru 537/2014, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u d-Direttiva 2013/34/UE, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà (ĠU L 322, 16.12.2022, p. 15, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2464/oj).

[5] Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-transitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/821/oj).

IA b'użu doppju b'riskju għoli maħsuba għall-esportazzjoni jaderixxu mal-obbligi skont l-Att dwar l-IA bħala kundizzjoni għall-approvazzjoni tal-esportazzjoni;

Rakkomandazzjonijiet rigward il-kummerċ

45. Jappella għall-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Att dwar l-IA biex ikopri l-esportazzjonijiet tas-sistemi tal-IA barra mill-UE għaż-żewġ kategoriji ta' riskju ewlenin elenkati fl-Att dwar l-IA;

46. Jappella li d-dispożizzjonijiet dwar l-IA fil-ftehimiet kummerċjali tal-UE jippromwovu IA affidabbli u b'sors miftuħ; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-promozzjoni ta' sistemi tal-IA affidabbli fl-ambitu tal-inizjattivi tal-Global Gateway;

Rakkomandazzjonijiet rigward l-opportunitajiet tal-IA għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem

47. Jissottolinja l-potenzjal tas-sistemi tal-IA biex javvanzaw u jsaħħu d-drittijiet tal-bniedem u jindirizzaw sfidi kbar fil-livell globali; jilqa' l-isforzi tan-NU u tal-Kunsill tal-Ewropa biex javvanzaw dan l-użu tal-IA permezz ta' governanza internazzjonali;

48. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jappoġġjaw l-applikazzjoni ta' sistemi tal-IA affidabbli fil-monitoraġġ tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u fl-appoġġ tal-aċċess għall-ġustizzja, kif ukoll fl-oqsma tal-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, it-tibdil fil-klima u l-enerġija, u b'mod ġenerali fl-avvanz tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU;

°

° °

49. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.